MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 116/2012

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) *(Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT A)* u miz-zwieg taghhom ma twieldu ebda ulied;

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor Nicholas Vella fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) *(Dokument hawnhekk anness u mmarkat bhala DOKUMENT B);*

3. Illi jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, illi fir-rigward ta' l-obbligi tal-hlas tal-manteniment il-konjugi kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin [*Artikolu tlieta (3) ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007)*];

4. Illi ma hemm l-ebda prospetti raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

5. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif kontemplat fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat illli ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors taghha bil-gurament;

Rat illi l-intimat ma ipprezentax risposta;

Semghet lill-intimat jixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta’ Novembru 2007;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u gie ippruvat illi l-konjugi kienu irrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------